**K U N S I L L   L O K A L I   Ħ A L   K I R K O P**

Minuti tal-laqgħa 5 tas-seba' Kunsill Lokali Ħal Kirkop li nżammet illum il-Ħamis 26 ta' Lulju 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop. Il-laqgħa bdiet fis-17:48.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Carmel Calleja |
| Kunsillieri: | Is-Sur J. Carbone<br>Is-Sur S. Mizzi<br>Is-Sur J. Schembri |
| A/Segretarju: | Is-Sur C. Cutajar |

Is-Sra A Cefai talbet li tkun skużata għal din il-laqgħa, liema talba ġiet milqugħa mill-Kunsill.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

1. **<u>Tenders</u>**

1.01 **KLK 13/12 - Tender for the Restoration, Conservation, and Interpretation of existing Hajt tal-Matla including the provision of access to site for the general public along Triq il-Fdal Paleokristjani, Kirkop**

1.01.1 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jirrakkomanda lil Camray Ltd. biex ikun aġġudikat bil-għan li jwettaq dan il-proġett, suġġett għal ftehim mal-Paying Agency fir-rigward tal-varjanza bejn l-ammont allokat mill-Paying Agency u l-istima tal-Perit tal-Kunsill, u anke għall-fatt li Camray Ltd. tefgħet offerta li hija għola mill-istima tal-Perit tal-Kunsill.

1.01.2 Il-Kunsill se jkun qed jieħu l-parir tal-Paying Agency bil-għan li jkun iktar mgħarraf fir-rigward tal-possibilita' ta' negozjar li jista' jsir relatat mal-offerta ta' Camray Ltd.

1.02 **KLK 14/12 - Tender for the Construction of a Recreational Area at Pjazza Zernieq, Kirkop**

1.02.1 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jirrakkomanda li jieħu parir mill-Paying Agency sabiex ikun infurmat jekk jistax ilaqqa' lill-iktar żewġ offerenti rħas.

1.03 **KLK 15/12 - Tender for the Provision of Website Development**

1.03.1 Kien hemm qbil unanimu sabiex ikun rakkomandat Hive Information Systems biex ikun aġġudikat bil-għan li jwettaq dan il-proġett.

18:45 Is-Sur J Carbone ħareġ mill-kamra.

1.04 **KLK 16/12 - Tender for the Provision of Documentaries**

1.04.1 Kien hemm qbil unanimu sabiex ikun rakkomandat Media Coop Ltd. biex iwettaq dan il-proġett.

1.05 **KLK 17/12 - Tender for the preparation of Conservation Management Plan and the Provision of service of a Conservation Manager and Planner in connection with restoration, conservation and interpretation of catacombs including roofing over and provision of access to general public at Triq taz-Zebbiegh, Kirkop**

1.05.1 Kien hemm qbil unanimu sabiex ikun rakkomandat Heritage Enterprises Ltd. biex ikun aġġudikat bil-għan li jwettaq dan il-proġett.

1.06 **KLK 18/12 - Tender for the Restoration, Conservation and Interpretation of existing Catacombs including roofing over and the provision of access to site for the general public at Triq iz-Zebbiegh, Kirkop**

1.06.1 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jirrakkomanda lil Camray Ltd. sabiex ikun aġġudikat bil-għan li jwettaq dan il-proġett, suġġett għal ftehim mal-Paying Agency fir-rigward tal-varjanza bejn l-ammont allokat mill-Paying Agency u l-istima tal-Perit tal-Kunsill, u anke għall-fatt li Camray Ltd. tefgħet offerta li hija għola mill-istima tal-Perit tal-Kunsill.

1.06.2 Il-Kunsill se jkun qed jieħu l-parir tal-Paying Agency bil-għan li l-Kunsill jkun iktar mgħarraf fir-rigward tan-negozjar li jista' jsir relatat mal-offerta ta' Camray Ltd.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:18.

____________________ __________________

Sindku Aġent Segretarju